**Minuti tas-Seduta 15 li saret fl-Ufficju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Mosta nhar il-Ġimgħa 28 ta' Marzu 2008 fit-8.30 p.m.**

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| Sindku Paul Chetcuti Caruana | 8.45 p.m. | 10.15 p.m. |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | Assenti | |
| Kunsillier Joseph Demartino | 8.45 p.m. | 10.15 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 8.45 p.m. | 10.15 p.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | Assenti | |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.45 p.m. | 10.15 p.m. |
| Kunsillier Paul Agius | Assenti | |
| Kunsillier Kirby Fenech | 8.45 p.m. | 10.15 p.m. |
| Kunsillier Christopher Grech | 8.45 p.m. | 10.15 p.m. |
| Kunsillier John Mary Camilleri | Assenti | |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | Assenti | |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal laqgħa. Preżenti wkoll kienet Ms. Romina Perici Ferrante , l-accountant tal-Kunsill.

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 14 tal-11 ta' Frar 2008

Il-minuti kienu meħuda bħala moqrija peress li kienu ċirkolati jiem qabel. Il-Kunsillier Joe Demartino talab korrezzjoni fil-paragrafu 4.0.1. Huwa insista li ssir korrezzjoni fis-sens illi s-Sindku kien qal li huwa refa' ir-responsabilita li meta kien qed jitħaffru il-pedamenti tal-latrina u nstab ħafna fond, dan jintuża bħala ġiebja bi spiża extra ta' madwar Lm 2,400 – (Euro 5590.50).

Is-Sindku iżda ippreċiża illi hu kien qal illi jaqbel illi din iż-żieda fl-ispejjes għandha tiġi awtorizzata mill-Kunsill minħabba li l-pedamenti fondi riedu jsiru xorta waħda u d-differenza kienet jekk dawn jintradmux bit-terrapien jew issir ġiebja li minnha jissaqqa l-istess ġnien tal-madwar u talab il-kunsens tal-Kunsill wara li ġab stima tax-xogħol extra. Fil-fatt ix-xogħol ta' bini kien għadu ma bediex u l-Kunsill seta jekk ried jopponi din il-proposta. Kien l-istess Sur Demartino li qal "Mhux naturali li hekk għandu jsir" kif ġie irrapurtat fil-minuti ta' dik is-seduta bid-data ta' 28 ta' Marzu 2008.

## 2. Tagħrif mil-minuti

Is-Segretarju qal li għar-rigward item 3.02 huwa għadda kopja tal-ittra tal-Kummissjoni lill-Kunsillier Chris Grech. Fil-waqt rigward item 10.0 il-parir tal-avukat kien li kwistjonijiet marbuta ma penali mhumiex taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsilli Lokali. Meta persuna tinqabad twettaq vandaliżmu dan jammonta għall reat kriminali u għalhekk għandu jwieġeb għall-egħmilu quddiem Qorti kompetenti. Taħt is-sittax il-sena u r-reat sar min persuna waħedha (mhux ma persuna ta' responsabilita) il-każ jinstemgħa quddiem il-Qorti tal-Minorenni: Għalhekk ma hux possibbli li ssir din il-'bye-law.

## 3. Korrispondenza

3.1 Ġiet approvata talba mill-Health Promotion Department flimkien mal-Kunsill Malti ta' l-Sports sabiex isiru 'Aerobics Classes' b'xejn fis-Sala tal-Kunsill. Għall dan il-għan waħda mill-staff tal-Kunsill attendiet seminar u qed jiġi rakkomandat li jsiru bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. It-talba ġiet milqugħa unanimament basta dawn ma jsirux fil-perjodu ta' bejn il-15 ta' Lulju u 9 ta' Awissu billi f'dak iż-żmien is-sala tkun qed tintuża mill-banda Santa Marija.

3.2 Ġiet esebita talba min bejjiegħ tal-Monti is-Sur Noel Pace li għandu Posta No 139 talab li jibdel ma Posta Part No 29 li qiegħda għand Joe Camilleri u li dan kien lest li jgħaddilu din il-posta billi kien ser jirtira mix-xogħol. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni iżda talab lis-Segretarju jgħaddi din it-talba lid-Dipartiment konċernat għad-deċiżjoni tiegħu.

3.3 Saret talba li jsir tberik tal-Kunsill mill-Arċipriet tal-Mosta. Ġie deċiż li dan isir meta jerġa jiltaqa l-Kunsill id-darba li jmiss qabel tibda il-laqgħa.

3.4 Is-Sur Joe Quattromani talab il-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi organizzata Sports Day fil-Mosta. Sar qbil li jingħataw kotba bħala premijiet mill-Kunsill.

3.5 Saret talba mill-Kumitat tal-Librerija sabiex jinbidlu l-airconditions tal-librerija. Is-Segretarju qal illi qabel issir din l-ispiża jissuġġerixxi jerġa jsir sforz biex dawn jissewwew. Il-Kunsill qabel li jinġabu technicians sabiex jingħata parir x'għandu jsir.

3.6 Is-Sur Caruana Galizia kiteb sabiex issir bozza quddiem id-dar tiegħu fil-Bidnija. Billi kien hemm 'waiting list' il-Kunsill qabel li din it-talba titpoġġa fuq il-'waiting list'.

3.7 TCTC – Talba għal korsijiet tal-Computer għat-tfal fis-sajf. Is-Segretarju intalab jara d-dettalji u terġa titressaq quddiem il-Kunsill għad-deċiżjoni.

3.8 Ittra li tiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-aċċident serju fi Vjal il-Qalbiena Mostin. Is-Sur Demartino qal illi suppost kellhom isiru Traffic Lights u li kienu saru ' conduits' bil-lest għall dan il-għan. Il-Perit Chris Grech qal illi dalwaqt ser jiġi ippreżentat rapport sħiħ dwar bżonnijiet fit-toroq tal-Mosta.

3.9 Talba quddiem il-MEPA sabiex jinbnew 2 Football Ground, Basketball Court, u parkeġġ taħt l-art etc bin-numru 07119/07 mis-Sur Twanny Bonavia ġiet diskussa mill-Kunsill iżda ġie deċiż li ma tingħata ebda tweġiba dwar it-talba.

3.10 Talba għall sponsorship Lily of the Valley Girls Secondary School għall-Music Education Programme ġiet milqugħa billi sar qbil unanimu li jitħallas il-prezz tat-trasport u donazzjoni għall-orkestra fis-somma totali ta' Euro 250.

## 4.0 Materji Finanzjarji

4.1 Ġiet ippreżentata għall-approvazzjoni lista ta pagamenti urġenti li tammonta għall-Euro 36,951.85 (Lm 15,861.51) żewġ listi tal-Petty Cash għall-Jannar u Frar li jammontaw għall- Euro 133.48 (Lm 57.30) Ewro125.38 (Lm 53.82) u lista oħra ta' pagamenti li tammonta għall-Ewro 77,642.41 (Lm 33,331.80). Dawn ġew approvati unanimament.

4.2 Is-segretarju ippreżenta lista tal-bonus tas-sena li kien qed jiġi rakkomandat li jitħallas lill-impjegati regolari tal-Kunsill li huma: John J. Camilleri, Nadia Camilleri, Chris Camilleri, Lorraine Zammit Tabone, Rita Galea, u Shazia Chetcuti Caruana. Is-segretarju offra li joħroġ mill-kamra iżda intalab li jibqa preżenti għad-diskussjoni.

Ma kienx hemm oġġezzjoni billi kien jidher illi l-istaff kollu kien qed jagħti sehmu sabiex l-amministrazzjoni tal-Kunsill tirranġa u għalhekk ġie approvat unanimament bonus massimu skond il-liġi lill-impjegati fuq imsemmija.

4.3 Ġiet ippreżentata stima ta Lm 1,432.99 (Euro) minn Enemalta sabiex jiġu spostjati tliet arbli tad-dawl fit-triq il-Kostituzzjoni fejn qed isir ix-xogħol tat-tneħħija tal-konok. Din ġiet approvata unanimament.

4.4 Is-sindku qal illi kien wasal iż-żmien li jitkompla il-Ġnien Reggie Cilia. Is-Segretarju fakkar illi kuntrattur li kien rebaħ it-tender sabiex jissupplixxi li apparat tal-logħob għat-tfal fil-playground tal-ġnien kien telaq minn Malta u għalhekk kien jinħtieġ jinstab fornitur ieħor ta' dan l-apparat u jitkompla wkoll il-kisi tal-playground u jsir is-'soft flooring' skond tender ieħor li kien inħareġ. Is-Segretarju ġie inkarigat ikompli b'dan ix-xogħol sabiex jiġi inawgurat dan il-Ġnien. Is-Sindku semma li wara ħafna taqtih il-qalb id-dawl tal-ġnien inxtagħal fit 23 ta' Frar 2008.

4.5 L-Accountant tal-Kunsill is-Sinjura Romina Perici Ferrante ippreżentat il-Quarterly accounts tal-Kunsill għall perjodu Settembru 2007 sa Diċembru 2007. Hija spjegat li s-sitwazzjoni ma kienetx waħda feliċi billi il-financial indicater kien biss 0.47%. F'din is-sitwazzjoni il-Kunsill ma kienx f'pożizzjoni li jagħmel xogħol kbir ta' nfiq kapitali. Jekk is-sitwazzjoni ma tirranġax il-Kunsill kellu jiddeċiedi jekk jitlobx il-permess lid-Dipartiment sabiex iżomm dan il-livell baxx ta' financial indicator sakemm timmeljora is-sitwazzjoni. Is-sindku qal li forsi kien wkoll il-każ li jintalab meeting mal-Prim Ministru li issa kien il-Ministru responsabbli mill-Kunsilli sabiex jintalbu fondi supplimentari. L-accounts ġew approvati unanimament. L-accountant qalet li sa seduta li jmiss tipprepara l-budget għas-sena 2008/2009, u l-accounts għal ta' l-aħħar tas-sena u wieħed jara xi tkun il-pożizzjoni finali.

Saret diskussjoni mqanqla fuq x'kienet ir-raġuni ta' din is-sitwazzjoni, is-Segretarju insista li hu kien sab lista ta' kredituri li ma kienx hemm flus biżżejjed x'jagħmlu tajjeb minħabba fost oħrajn li l-proġett tal-pjazza kien qabeż l-istimi sew.

L-ex sindku is-Sur Demartino insista li l-ispejjes u l-kredituri kollha kienu koperti minn għotjiet minn diversi dipartimenti tal-Gvern Ċentrali.

Is-Sur Camilleri stieden lis-Sur Demartino jiġi f'laqgħa madwar mejda u jispjega kif dawn il-kredituri kienu koperti u kif per eżempju somma ta' Lm 55,000 għall xogħol ta' patching li kienet għadha pendenti kienet koperta u mill-liema Dipartiment għax dan żgur ma jirriżultax. Barra minhekk xogħol fuq il-pjazza kien qabeż is-somma koperta u kien għadu ma ġiex deċiż liema kienet il-figura finali jekk hux kif mitluba mill-kuntrattur jew jekk għadhomx jitnaqqsu l-penali skond il-kuntratt. Min dan kien jiddependi jekk kienx hemm biżżejjed fondi biex ikopru l-ispiża. Is-Sur Denartino irrifjuta li jiltaqa mas-segretarju għax qal li kien hemm il-files kollha u l-accountant sabiex jirrispondu. Is-Sindku fakkar f'liema stat kienu jinsabu il-files qabel daħal is-segretarju l-ġdid. Irridu xhur sħaħ sabiex jitpoġġew fl-ordni.

## 5.0 Pjazza Rotunda

5.1 Ġiet ippreżentata ittra min ' Tal-General Company Ltd' li tgħid li xogħol ta' tiswija fil-paviment tal-pjazza issa kien kważi lest u għalhekk issa kien mistenni li l-kwistjonijiet kollha pendenti jiġu iffinalizzati. Il-kuntrattur offra li jagħmel xogħol ta' asfaltar għas-somma ta' Lm 650 b'kumpens għall-xogħol ta' asfalt difettuż fil-parkeġġ tal-pjazza Rotunda billi ma kienx tal-parir li dan jinqala u jsir mill-ġdid. Saret ukoll talba li jibdew it-taħdidiet mal-Kunsill sabiex tingħalaq din il-kwistjoni u jiġi stabbillit l-ammont finali li għandu jitħallas.

Il-Kunsill iddiskuta fi-tul din il-kwistjoni. Issemma r-rapport li għamel l-Perit M. Galea li joffri tlett alternattivi li minnhom il-Kunsill jista jagħżel sabiex tiġi riżolta din il-kwistjoni. Is-Sur Demartino qal li sa fejn jaf hu dan ir-rapport kien ġie ippreżentat lill-Kunsill iżda kemm is-Sindku kif wkoll is-Segretarju qalu ma jirriżultax li dan qatt sar. Is-Segretarju talab li jinħatar kumitat li fih jkun membru min kien involut fuq dan ix-xogħol sabiex jistudja dan ir-rapport u jressaq proposta lill-Kunsill wara li dan ikun iltaqa u ddiskuta mal-kuntrattur. Ma ntlaħħaqx ftehim dwar dan u Sindku qal li l-Kunsill għandu jiddiskuti din il-kwistjoni darb oħra. Sa dan it-tant ġiet irrifjutata l-offerta tal-kumpens b'valur ta' Lm 650- asfalt li għamel il-kuntrattur.

## 6.0 Direzzjoni ta' Traffic u Time Parking Zone

6.1 Il-Perit Chris Grech qal illi r-rapport komprensiv ser jiġi ippreżentata fuq dan is-suġġett dalwaqt u dan jinkludi proposti ta' 'Controlled Residents Parking Scheme'

Is-Seduta ġiet sospiża fl-10.45 p.m. u l-kumplament tal-agenda tħalliet għall-seduti oħra.

| | |
|---|---|
| Dott. Paul Chetcuti Caruana | John J. Camilleri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |